A.L. 47 ta' l-1990

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u tas-setgħat l-oħra kollha li huwa għandu, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 91 ta' l-1970

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1990.

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih fi tmiem il-paragrafu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda uffiċjal ikollu l-għażla li jirtira fil-jum meta, jew f'kull jum ieħor li jiġi wara l-jum meta, itemm ħamsa u għoxrin sena servizz, sakemm l-uffiċjal jiddikjara l-ħsieb tiegħu li jirtira lill-Ministru bil-miktub, permezz tal-Kmandant, mhux iktar tard minn tliet xhur qabel il-jum maħsub ta' l-irtir tiegħu."; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (1) għandu jiżdied dan il-paragrafu (1A) ġdid li ġej:

"(1A) Għall-fini li jinħadmu l-ħamsa u għoxrin sena servizz imsemmija qabel, għandu jitqies bħala servizz li għandu jiġi kalkolat dan li ġej:

(i) Servizz speċjali li għandu jiġi kalkolat,

(ii) Servizz fil-forza bħala "raġel" tal-forza.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "jitħalla jirtira qabel iż-żmien" għandhom jidħlu l-kliem "jitħalla jirtira jew jirriżenja qabel iż-żmien";

(b) fil-proviso għall-paragrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "ma jitħalliex jirtira qabel iż-żmien" għandhom jidħlu l-kliem "ma jitħalliex jirtira jew jirriżenja qabel iż-żmien"; u

(ċ) fil-paragrafu (2) tiegħu minflok il-kliem "Uffiċjal li jirtira volontarjament" għandhom jidħlu l-kliem "Uffiċjal li jirtira jew jirriżenja volontarjament".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "u fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 ta' l-imsemmija Ordinanza għal uffiċjali li jkollhom kummissjoni fil-forza, dak l-artikolu japplika kif japplika għal membri tal-Korp tal-Pulizija:" għandhom jidħlu l-kliem "u fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 u l-artikolu 18 ta' l-imsemmija Ordinanza u tar-regolamenti 2, 9, 10 u 14 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet għal uffiċjali li jkollhom kummissjoni fil-forza, dawk l-artikoli u regolamenti japplikaw kif japplikaw għal membri tal-Korp tal-Pulizija:".

Iżid ir-regolament 18A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament 18A ġdid li ġej:—

"Pensjoni lil uffiċjali li jkollhom kummissjoni fil-15 ta' Jannar, 1979, jew wara.

18A. Uffiċjali li jkollhom kummissjoni fil-15 ta' Jannar, 1979, jew wara, ikunu intitolati għal pensjoni kif tista' tingħata skond l-Artikoli u Regoli li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid ir-regolament 29B ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 29A tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament 29B ġdid li ġej:—

"L-irġiel tal-forza jistgħu jirtiraw wara 25 sena servizz.

29B. (1) Raġel fil-forza jkollu l-għażla li jirtira fil-jum meta, jew f'kull jum ieħor li jiġi wara l-jum meta, itemm ħamsa u għoxrin sena servizz, irrispettivament minn kull ma jkun qed jagħmel f'dak iż-żmien, wara li jagħti avviż bil-miktub ta' tliet xhur lill-Kmandant permezz tal-Uffiċjal Kmandant tiegħu, dwar il-ħsieb tiegħu li jirtira, kif jixraq.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, servizz speċjali li għandu jiġi kalkolat għandu jitqies bħala servizz għall-ħdim tal-ħamsa u għoxrin sena servizz.".

Jemenda r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "u fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 ta' l-imsemmija Ordinanza għal irġiel fil-forza, dak l-artikolu japplika kif japplika għal membri tal-Korp tal-Pulizija:" għandhom jidħlu l-kliem "u fl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 u l-artikolu 18 ta' l-imsemmija Ordinanza u tar-regolamenti 2, 9, 10 u 14 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet għal irġiel fil-forza, dawk l-artikoli u regolamenti japplikaw kif japplikaw għal membri tal-Korp tal-Pulizija:".

Iżid ir-regolament 40A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament 40A ġdid li ġej:—

"Pensjoni lil irġiel fil-forza ingaġġati wara l-15 ta' Jannar, 1979.

40A. Irġiel fil-forza, ingaġġati fil-15 ta' Jannar, 1979, jew wara, ikunu intitolati għal pensjoni kif tista' tingħata skond l-Artikoli u Regoli li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid it-Tielet Skeda mar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:—

"IT-TIELET SKEDA

(Regolamenti 18A u 40A)

Taqsima I

Artikli dwar il-Pensjonijiet

Titolu fil-qosor.

1. Dawn l-Artikli jistgħu jissejħu l-Artikli ta' l-1990 dwar il-Pensjonijiet dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

Applikazzjoni.

2. Dawn l-Artikli u r-Regoli ta' l-1990 dwar il-Pensjonijiet dwar il-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa r-Regoli, u li għandhom jinqraw bħala ħaġa waħda u sħiħa ma' dawn l-Artikli, għandhom japplikaw għal uffiċjali u irġiel li jirtiraw fl-1 ta' Jannar, 1990, jew wara.

Ċirkostanzi li fihom il-pensjoni tista' tingħata.

3. Ebda pensjoni ma tingħata bis-saħħa ta' dawn l-Artikli u Regoli lil ebda uffiċjal jew raġel fil-forza ħlief meta jirtira mill-forza f'wieħed mill-każijiet li ġejjin —

(a) meta jew wara li jagħlaq l-età ta' ħamsa u ħamsin sena, jew jekk ikun għalaq ħamsa u għoxrin sena servizz fil-forza;

(b) meta titneħħa l-kariga tiegħu;

(ċ) meta jiġi rtirat bil-fors skond il-paragrafu (1) tar-regolament 14 tar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn l-Artikli u fir-Regoli imsejjħa "ir-Regolamenti";

(d) mat-tmiem tas-servizz skond il-paragrafu (3) tar-regolament 14 u s-subparagrafu (ħ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 38 tar-Regolamenti.

Maximum ta' pensjoni li jista' jingħata.

4. (1) Il-pensjoni mogħtija lil uffiċjal jew raġel fil-forza taħt dawn l-Artikli ma tistax tkun iżjed minn żewġ terzi ta' l-ogħla ħlas pensjonabbli li f'kull żmien li jkun kien idaħħal matul is-servizz tiegħu fil-forza.

(2) Għall-finijiet tas-subartiklu ta' qabel dan, ma jitteħidtx qies ta' pensjoni addizzjonali mogħtija lil uffiċjal minħabba li tkun ġratlu ħsara fil-persuna; iżda, meta tingħata lil uffiċjal jew raġel din il-pensjoni addizzjonali, l-ammont li huwa jista' jieħu ta' din il-pensjoni addizzjonali ma jistax jaqbeż is-sest ta' l-ogħla ħlas pensjonabbli tiegħu f'kull żmien li jkun matul is-servizz tiegħu fil-forza b'aktar milli bis-somma li biha l-pensjoni jew pensjonijiet tiegħu, apparti minn dik il-pensjoni addizzjonali, ikun anqas minn żewġ terzi ta' dak l-ogħla ħlas pensjonabbli.

(3) Għall-finijiet ta' dawn l-Artikli u tar-Regoli:

"xahar" tfisser xahar skond il-kalendarju;

"ħlas pensjonabbli" jidħlu fiha —

(i) is-salarju,

(ii) l-*allowance* personali,

(iii) *working trade allowance* waħda,

iżda ma jidħlux fih l-*allowance* għal xi servizz, l-*allowance* għat-trattament, l-*allowance* għall-kera, il-valur tal-kera frank kif stmat fis-sena, il-valur tar-razzjoni, ir-rimunerazzjoni *extra*, u kull dritt imħallas mit-Teżor bħala salarju jew kull xorta ta' ħlasijiet oħra;

"*allowance* personali" tfisser żieda speċjali mogħtija personalment lid-detentur tal-kariga għal dak iż-żmien, iżda ma tinkludix dik iż-żieda jekk tkun mogħtija bħala suġġetta għall-kondizzjoni li ma tkunx pensjonabbli;

"uffiċjal" u "raġel" ifissru uffiċjal li jkollu kummissjoni jew raġel ingaġġat fil-forza fil-15 ta' Jannar, 1979, jew wara;

"sena" tfisser sena skond il-kalendarju.

Il-pensjonijiet ma jistgħux jiġu ċeduti.

5. Ebda pensjoni mogħtija taħt dawn l-Artikli ma tista' tiġi ċeduta jew trasferita jew maqbuda, issekwestrata jew tkun suġġetta għal atti ġudizzjarji minħabba jew dwar dejn jew jedd ieħor, ħlief sa fejn igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 381 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12

Pensjoni tkun imnaqqsa f'ċerti ċirkostanzi

6. Uffiċjal jew raġel fil-forza, li jirtira għal raġunijiet elenkati fil-paragrafu (d) ta' l-artiklu 3 li tkun ingħatatlu pensjoni taħt dawn l-Artikli u li jkun qed jirċievi:—

(a) xi rimunerazzjoni dwar xi impieg, jew xi servizzi mogħtija, jew xi kariga miżmuma; jew

(b) xi dħul li jkun ġej mill-eżerċizzju ta' kummerċ, negozju, professjoni jew vokazzjoni; jew

(ċ) xi dħul li jkun ġej minn xi pensjoni, *allowance* jew ħlas ieħor dwar xi impieg, servizz jew kariga kif intqal qabel,

ikollu, sakemm jilħaq l-età ta' ħamsa u ħamsin sena, jew sal-ħamsa u għoxrin anniversarju ta' l-ewwel ħatra tiegħu fil-forza, skond liema jiġi l-ewwel, il-pensjoni tiegħu imnaqqsa bl-ammont li bih id-dħul totali stabbilit skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artiklu jkun iżjed mis-salarju li f'dak iż-żmien jitħallas dwar il-kariga miżmuma minn dak l-uffiċjal jew raġel meta rtira, billi jitqiesu biss, jekk dak is-salarju jkun b'żidiet inkrimentali, dawk iż-żidiet korrispondenti li jkunu ttieħdu qabel dak l-irtir, jew, jekk dak il-post ikun ġie abolit, dwar post analogu:

Iżda l-pensjoni fis-sena ma għandha f'ebda każ titnaqqas għal anqas mis-somma ta' ħamsin lira u jekk il-pensjoni jew *allowance* oħra fis-sena ma tkunx iżjed mill-iżgħar somma li għandha titħallas kif ingħad qabel ebda tnaqqis ma għandu jsir minnha.

(2) Għall-finijiet tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, id-dħul totali għandu jiġi stabbilit billi jingħaddu flimkien —

(a) il-pensjoni li kienet tiġi riċevuta taħt dawn l-Artikli, kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artiklu; u

(b) kull rimunerazzjoni jew dħul kif imsemmi fil-paragrafu (a), (b) jew (ċ) tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, jew dawk ir-rimunerazzjoni u dħul flimkien; u

billi jitnaqqsu minnhom is-somma ta' ħamsin lira fis-sena.

(3) Kull tnaqqis fil-pensjoni taħt is-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi tal-pensjoni, ir-rimunerazzjoni jew *income* ieħor, u s-salarju, li għandhom jiġu riċevuti matul perijodu ta' tnax-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru, iżda bla ħsara għal kull aġġustament li, jista' jkun jew li jista' jsir meħtieġ għal xi raġuni tkun li tkun, u safejn ikun prattikabbli, għandu jsir mill-ħlasijiet ta' kull xahar jew ħlasijiet oħra perjodiċi tal-pensjoni.

(4) Kull uffiċjal jew raġel li għalih japplika s-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu għandu mingħajr dewmien igħarraf lill-*Accountant General* u jżommu mgħarraf f'kull żmien, biċ-ċirkostanzi kollha li jagħmlu l-imsemmi subartiklu (1) applikabbli għalih u l-limiti safejn huma hekk applikabbli, u b'kull tibdil fiċ-ċirkostanzi jew fl-imsemmija limiti, u għandu jagħti lill-*Accountant General*, meta jkun mitlub it-

tagħrif kollu rilevanti; u jekk dak l-uffiċjal jew raġel jonqos li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartiklu, kull pensjoni li għaliha huwa jista' jkollu dritt bis-saħħa ta' dawn l-Artikli tieqaf minnufih:

Iżda jekk tingħata raġuni tajba, il-pensjoni jew l-*allowance* l-oħra tista' terġa' tingħata b'effett retroattiv jew mingħajru, mill-Ministru.

Taqsima II

Regoli Ġenerali

Titolu fil-qosor.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu Regoli ta' l-1990 dwar il-Pensjonijiet dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

Lil min u b'liema rati jingħataw il-pensjonijiet.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti, tal-Artikli ta' l-1990 dwar il-Pensjonijiet dwar il-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regoli imsejħa "l-Artikli", u ta' dawn ir-Regoli, lil kull uffiċjal u raġel li jkun ilu fil-forza għal għaxar snin jew iżjed, tista' tingħata pensjoni bir-rata ta' waħda minn erba' mija u ħamsin tal-ħlas tiegħu pensjonabbli għal kull xahar sħiħ ta' servizz pensjonabbli, suġġett għal-limitazzjoni msemmija fl-artiklu 4 ta' l-Artikli.

Is-servizz m'għandux ikun maqtugħ.

3. Is-servizz li għalih tista' tingħata pensjoni ma għandux ikun maqtugħ, ħlief fil-każijiet li fihom is-servizz ikun ġie maqtugħ minħabba li tneħħiet il-kariga jew ġie terminat b'mod normali l-ingaġġ, u mhux minħabba li s-servizz ikun ġie terminat skond ir-regolament 13, il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 14 u r-regolament 38 tar-Regolamenti, jiġifieri minħabba kondotta ħażina jew riżenja volontarja:

Iżda, iż-żmien ta' servizz qabel ma s-servizz ikun ġie maqtugħ jista' jiġi kalkolkat għall-pensjoni, flimkien maż-żmien tas-servizz wara li dan ikun ġie maqtugħ:

(a) jekk iż-żmien kollu ta' bejn is-servizz u ieħor l-uffiċjal ikun għaddih f'impieg ieħor fis-servizz tar-Repubblika; jew

(b) fil-każ meta uffiċjal jew raġel fir-riżerva regolari jissejjaħ minnha għal servizz permanenti; jew

(ċ) fil-każ meta dak l-uffiċjal jew raġel, wara li jkun temm is-servizz tiegħu fil-forza, ikun susseg-wentement issejjaħ lura fil-forza bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru minħabba fl-esiġenzi tal-forza, u dik is-sejħa lura tiġi ċertifikata mill-Prim Ministru.

Salarji li jitqiesu għal kalkolu ta' pensjoni.

4. (1) Għall-fini biex jiġi kalkolat l-ammont tal-pensjoni ta' uffiċjal jew raġel li kellu perijodu ta' mhux anqas minn tliet snin ta' servizz pensjonabbli skond l-Artikli qabel l-irtir tiegħu —

(a) fil-każ ta' uffiċjal jew raġel li jkun żamm l-istess kariga għal żmien ta' tliet snin minnufih qabel id-data ta' l-irtir tiegħu, għandhom jitqiesu l-ħlasijiet pensjonabbli annwali sħaħ li jkun igawdi f'dik id-data dwar dik il-kariga;

(b) fil-każ ta' uffiċjal jew raġel li f'xi żmien matul dak il-perijodu ta' tliet snin ikun ġie impostat minn kariga għal oħra, iżda li l-ħlasijiet pensjonabbli tiegħu ma jkunux tbiddlu minħabba dik l-impostazzjoni jew dawk l-impostazzjonijiet, ħlief bl-għoti ta' xi żieda fl-iskala, għandhom jitqiesu l-ħlasijiet pensjonabbli annwali sħaħ li jkun igawdi fid-data ta' l-irtir tiegħu dwar il-kariga li kellu f'dak iż-żmien;

(ċ) f'każijiet oħra għandu jitqies it-terz tat-total tal-ħlasijiet pensjonabbli li jkun igawdi l-uffiċjal jew raġel dwar is-servizzi tiegħu matul it-tliet snin tas-servizz tiegħu minnufih qabel id-data ta' l-irtir tiegħu:

Iżda —

(i) jekk dak it-terz ikun anqas mill-ogħla ħlasijiet pensjonabbli annwali li hu jkun igawdi fid-data ta' xi impostazzjoni f'dak iż-żmien ta' tliet snin għandhom jitqiesu dawk il-ħlasijiet pensjonabbli annwali; u

(ii) jekk dak it-terz ikun anqas mill-ħlasijiet pensjonabbli annwali li hu kien igawdi fid-data ta' l-irtir tiegħu, kieku baqa' f'xi kariga li minnha ġie impostat f'xi żmien matul dak il-perijodu ta' tliet snin, u kien irċieva ż-żidiet kollha fl-iskala li, fil-fehma tal-Ministru kienu jingħataw lilu, għandhom jitqiesu l-ħlasijiet pensjonabbli annwali li kien ikun hekk igawdi.

(2) Għall-fini biex jiġu stabbiliti skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola l-ħlasijiet pensjonabbli li uffiċjal jew raġel kellu jew kien ikollu, skond il-każ, huwa għandu jitqies —

(a) li kien fis-servizz bil-ħlasijiet pensjonabbli sħaħ matul il-perijodu ta' tliet snin minnufih qabel id-data ta' l-irtir tiegħu; u

(b) li kellu l-benefiċċju ta' kull żieda minħabba reviżjoni ta' salarji fil-ħlasijiet pensjonabbli ta' kull kariga tiegħu bħallikieku dik iż-żieda kellha titħallas matul dak il-perijodu ta' tliet snin.

(3) Għall-fini ta' kalkolu ta' l-ammont tal-pensjoni ta' uffiċjal jew raġel li kellu perijodu ta' anqas minn tliet snin servizz pensjonabbli qabel l-irtir tiegħu —

(a) għandha titqies il-medja tal-ħlasijiet pensjonabbli annwali li kellu matul dak il-perijodu;

(b) għandu jitqies li kien fis-servizz bil-ħlasijiet pensjonabbli sħaħ matul dak il-perijodu;

(ċ) għandu jitqies li kellu l-benefiċċju ta' kull żieda minħabba reviżjoni ta' salarji fil-ħlasijiet pensjonabbli ta' kull kariga tiegħu bħalliekieku dik iż-żieda kellha tiħallas matul dak il-perijodu; u

(d) il-perijodu li fihom huwa ma kienx jattendi għax-xogħol bil-*leave* mingħajr salarju, mogħti minħabba raġunijiet ta' ħtieġa pubblika bl-approvazzjoni tal-President, u li fihom hu ma kienx ikkwalifika għal pensjoni rigward servizz pubbliku ieħor.

(4) F'ebda ċirkostanzi ma għandhom il-ħlasijiet pensjonabbli li għandhom jitqiesu jkunu iżjed mill-ħlasijiet pensjonabbli annwali sħaħ li kellu l-uffiċjal jew ir-raġel fid-data ta' l-irtir tiegħu dwar il-kariga li jkollu dak iż-żmien.

(5) Fil-każ ta' uffiċjal jew raġel li għalih japplika s-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regola 5, id-data ta' l-irtir tiegħu għandha:

(a) meta dak l-uffiċjal jilħaq l-età ta' l-irtir; jew

(b) meta dak l-uffiċjal kien ikun, li ma kenitx għat-tkeċċija tiegħu, għalaq 25 sena servizz; jew

(ċ) meta dak l-uffiċjal imut;

qabel ma t-tkeċċija tiegħu tkun ġiet dikjarata nulla mill-awtorità kompetenti, titqies li tkun id-data meta dak l-uffiċjal jilħaq l-età ta' l-irtir, jew id-data meta jkun għalaq 25 sena servizz, jew id-data meta jmut, skond liema tiġi l-ewwel, u l-ħlasijiet pensjonabbli tiegħu li għandhom jitqiesu għandhom ikunu dawk li hu kieku kien qiegħed jirċievi f'dik id-data li kieku ma kienx hekk tkeċċa.

Kalkolu ta' pensjonijiet.

5. (1) Għall-finijiet ta' kalkolu ta' l-ammont ta' pensjoni ta' uffiċjal jew ta' raġel, il-perijodi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala servizz pensjonabbli:

(a) il-perijodi li fihom huwa kien fis-servizz mal-forza;

(b) il-perijodi li fihom huwa ma kienx jattendi għax-xogħol bil-*leave* b'salarju sħiħ jew b'nofs salarju;

(ċ) il-perijodu wara t-tkeċċija mill-forza, meta dik it-tkeċċija tiġi sussegwentement dikjarata minn awtorità kompetenti li kienet invalida, saż-żmien tat-tqegħid tiegħu lura mill-ġdid, jew id-data meta dak l-uffiċjal jew raġel kien ikun għalaq 25 sena servizz, jew id-data meta dak l-uffiċjal jew raġel ikollu jirtira minħabba fl-età, jew id-data meta dak l-uffiċjal imut, skond liema tiġi l-ewwel;

U l-perijodi li fihom huwa kien nieqes bil-*leave*, minbarra dawk imsemmijin hawn fuq, għandhom jitnaqqsu mis-servizz kollu ta' l-uffiċjal sabiex jintlaħaq il-perijodu ta' servizz pensjonabbli tiegħu.

(2) Għall-finijiet tas-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) ta' din ir-regola u tal-paragrafu (5) tar-regola 4, il-kelma "tkeċċija" għandha titqies li tinkludi terminazzjoni ta' servizz skond ir-regolamenti 14 u 38 tar-Regolamenti, u "tkeċċa" għandha tiftiehem bl-istess mod.

Servizz magħmul fil-kariga ta' ħaddieħor.

6. Meta uffiċjal jew raġel jaġixxi flok ħaddieħor f'kariga pensjonabbli fil-forza, iż-żmien ta' dan is-servizz jista' jingħadd bħala servizz pensjonabbli taħt dawn l-Artikli:

Basta li —

(a) iż-żmien illi fih l-uffiċjal ikun aġixxa ma jkunx biċċa mis-servizz pensjonabbli ta' l-uffiċjal li qabel kien fil-kariga, u ma għandux jiġi kkalkolat bħala biċċa mis-servizz pensjonabbli ta' dan l-uffiċjal jew raġel taħt ir-Regolamenti jew Artikli fil-forza;

(b) sewwa sew qabel dan iż-żmien ta' servizz jew sewwa sew warajh ikun hemm servizz fi kwalità effettiva fil-forza.

Tneħħija ta' kariga jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kariga.

7. Jekk uffiċjal jew raġel jirtira jew jitneħħa mill-forza minħabba t-tneħħija tal-kariga tiegħu, inkella sabiex jagħti lok li ssir aħjar il-forza biex b'hekk jista' jkun hemm iżjed effiċjenza u ekonomija, lil dan l-uffiċjal tista' tingħata pensjoni:

Iżda, madankollu, jekk huwa jkun ilu fil-forza għal anqas miż-żmien ta' għaxar snin meħtieġ biex jikkwalifikah għal pensjoni jista' jiġi mogħti pensjoni kkalkolkata skond ir-regola 2 bħallikieku ma kien hemm ebda żmien ta' kwalifika:

Iżda wkoll din il-pensjoni tingħata taħt il-kondizzjoni illi hu jista' jerġa' jiġi msejjaħ għas-servizz fil-forza:

Iżda, barra minn dan, jekk dan l-uffiċjal jew raġel ma jkunx tajjeb għal impieg ieħor fil-forza jew jekk ma jkunx hemm raġuni ta' tama, fil-fehma tal-Ministru, illi fi żmien qasir jista' jerġa' jiġi mpjegat, tista' tiġi lilu mogħtija pensjoni mingħajr il-kondizzjoni msemmija hawn fuq.

Rati ta' pensjoni meta karigi jiġu mneħħija.

8. Uffiċjal jew raġel li l-kariga tiegħu tiġi mneħħija, tista' tingħatalu żieda fil-pensjoni bir-rata ta' waħda minn sittin tal-ħlas tiegħu pensjonabbli fis-sena għal kull perijodu sħiħ ta' tliet snin servizz pensjonabbli:

Iżda —

(a) iż-żieda ma għandha f'ebda każ taqbeż il-għaxra minn sittin; u

(b) ebda żieda ma għandha ssir b'mod illi tikkwalifika uffiċjal għal pensjoni ta' valur fis-sena ogħla minn dak li għalih huwa kien ikun ikkwalifikat b'tul ta' servizz meta jilħaq l-età li fiha huwa jista' jiġi mġiegħel li jirtira, jew għal pensjoni ta' valur fis-sena ogħla mill-*maximum* stabbilit fl-artiklu 4 ta' l-Artikli.

Uffiċjali li jirtiraw minħabba ħsara fil-persuna.

9. (1) Meta uffiċjal jew raġel tiġrilu ħsara permanenti fil-persuna —

(a) fil-waqt li jkun qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu, u

(b) mingħajr ħtija tiegħu, u

(ċ) minħabba ħsara li tagħha tkun speċifikatament kagun ix-xorta tax-xogħol tiegħu,

u b'hekk l-irtir tiegħu mis-servizz isir meħtieġ jew ikollu jsir wisq qabel iż-żmien li jmiss, jekk hu jkun ikkwalifikat għal pensjoni taħt ir-regola 2, lilu tingħata, b'żieda tal-pensjoni mogħtija lilu taħt dik ir-regola, pensjoni addizzjonali bir-rata tal-proporzjon tal-ħlas pensjonabbli li jkun qiegħed jieħu fid-data li ġratlu l-ħsara u li tkun taqbel għall-każ tiegħu kif imfisser fit-tabella ta' hawn taħt:

Meta l-ħila sabiex jipprovdi għall-manteniment tiegħu nnifsu —

tonqos kemm xejn	minn sittin	ħamsa;
tonqos	minn sittin	għaxra;
tonqos sewwa	minn sittin	ħmistax;
tispiċċa għal kollox	minn sittin	għoxrin:

Iżda l-ammont tal-pensjoni addizzjonali jitnaqqas sa dik is-somma li l-Ministru jidhirlu xieraq f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(i) meta l-uffiċjal jew raġel li tiġrilu l-ħsara jkun baqa' fis-servizz għal mhux anqas minn sena wara li tkun ġratlu l-ħsara illi minħabba fiha irtira mis-servizz;

(ii) meta uffiċjal jew raġel li tiġrilu ħsara jkun, fid-data li tiġrilu l-ħsara, jonqsu għaxar snin għall-età li fiha jista' jkun imġiegħel jirtira; jew

(iii) meta l-ħsara li tkun ġratlu ma tkunx hija waħedha l-kaġun ta' l-irtir, iżda l-kaġun ta' l-irtir ikun ukoll minħabba l-età jew mard mhux ikkaġunat mill-ħsara:

Iżda wkoll, l-ammont kollu tal-pensjoni addizzjonali ma għandux ikun iżjed mill-ammont stabbilit fis-subartiklu (2) ta' l-artiklu 4 ta' l-Artikli.

Pensjonijiet lil uffiċjali u rġiel b'servizz anqas minn għaxar snin.

(2) Meta uffiċjal jew raġel li tiġrilu din il-ħsara ma jkunx għamel żmien hekk twil fis-servizz li jikkwalifikah għal pensjoni taħt ir-regola 2 lil dan l-uffiċjal tkun tista', b'dankollu, tingħata pensjoni bir-rata ta' waħda minn erba' mija u ħamsin tal-ħlas tiegħu pensjonabbli għal kull xahar sħiħ ta' servizz pensjonabbli flimkien ma' dik iż-żieda ta' pensjoni li tista' tingħata lilu taħt il-parti ta' qabel ta' din ir-regola li kieku kien ikkwalifikat għal pensjoni.

Pensjoni lil nisa romol ta' uffiċjali u rġiel maqtula waqt is-servizz.

10. (1) Meta uffiċjal jew raġel mingħajr ħtija tiegħu jiġi maqtul fil-waqt li jkun qed jaqdi dmiru jew imut minħabba xi ħsara li b'mod speċifiku tkun ġejja mix-xorta tax-xogħol tiegħu jew jiġi maqtul fil-waqt li jkun qed jaqdi dmiru, tista' tingħata pensjoni lill-armla li jħalli sakemm ma tiżżewwiġx, ta' mhux iżjed minn għaxra fis-sittin tas-salarju pensjonabbli ta' żewġha fil-jum li tiġrilu l-ħsara; u tista' tingħata pensjoni lil kull wild ta' dak l-uffiċjal jew raġel sa ma dak il-wild jagħlaq it-tmintax-il sena, ta' mhux iżjed mis-sitta wieħed tar-rata li tingħata lill-armla, sakemm il-pensjonijiet miġburin flimkien ta' l-ulied ma jisbqux ir-rata li tistħoqq lill-armla.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel igħoddu wkoll għal każ ta' uffiċjal li, wara li jirtira bil-pensjoni taħt ir-regola 9, imut bl-effetti diretti u immedjati tal-ħsara li tkun ġratlu.

(3) Jekk mart l-uffiċjal tmut qablu, jew jekk ebda pensjoni ma tiġi mogħtija lilha taħt dan l-artiklu, u huwa jħalli warajh ulied li kienu jkunu intitolati għal pensjoni li kieku ġiet mogħtija pensjoni lill-armla, jistgħu jingħataw lilhom pensjonijiet tad-doppju ta' l-ammont tal-pensjonijiet li għalihom fiċ-ċirkostanzi huma kienu jkunu intitolati.

(4) Jekk il-mejjet ma jħallix warajh armla jew ulied iltiema mill-omm, iżda jħalli 'l ommu li kienet tiddependi minnu għall-manteniment, is-somma tal-pensjoni li setgħet tiġi mogħtija lill-armla, li kieku kien hemm, tista' tingħata lill-omm, iżda din il-pensjoni tispiċċa, jekk hija tkun armla u terġa' tiżżewweġ.

L-imġieba tajba hija meħtieġa

11. (1) Il-pensjonijiet ikkalkolati bir-rati msemmijin hawn fuq, jingħataw biss fil-każ ta' servizz li jkun sar tassew bil-fedeltà u b'mod meritevoli.

(2) Meta l-fedeltà u bżulija ta' l-uffiċjal jew raġel ma jilħqux l-ewwel grad ta' mertu, il-kalkolu jista' jsir b'rati anqas minn dawk imsemmijin hawn fuq.".